MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1264/2010

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Emanuel u Simone mizzewgin Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tas-6 ta' Dicembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 7 ta' Novembru 2000, in atti Nutar Dottor Philip Said (Dok. A u Dok. B) is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji ta' "*Loan* u *Overdraft"* lil Emanuel u Simone mizzewgin Micallef;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Emanuel u Simone mizzewgin Micallef fis-somma ta' mija u hamest elef, sitt mija u tmienja u hamsin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€105,658.52) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan* u *Overdraft Accounts"* ta' Emanuel u Simone mizzewgin

Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C6 u D1 sa D76) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Novembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmijin (u hawn ezebiti bhala Dok. A u B), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Emanuel u Simone mizzewgin Micallef
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Emanuel u Simone mizzewgin Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Emanuel u Simone mizzewgin Micallef gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 3 ta’ Settembru 2010, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. E, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Emanuel u Simone mizzewgin Micallef (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Emanuel u Simone mizzewgin Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici; u

2. Tikkundanna lil Emanuel u Simone mizzewgin Micallef ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u hamest elef, sitt mija u tmienja u hamsin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€105,658.52) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan* u *Overdraft Accounts”* ta’ Emanuel u Simone mizzewgin Micallef mas-socjeta Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C6 u D1 sa D76) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Novembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta’ Settembru 2010 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jinhareg kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Emanuel Micallef li tghid hekk:

1. Illi l-esponent jirrileva bhala fatt li hu ghaddej minn proceduri kontenzjuzi ta' separazzjoni personali minn ma' martu l-intimata Simone Micallef liema proceduri jinsabu ddiferiti ghas-sentenza;

2. Illi l-esponent jirrileva preliminarjament li r-rikors mahluf promotorju hekk kif redatt ma jissodisfax il-vot tal-ligi [Art. 156(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta] u dana billi ghalkemm il-Bank rikorrent qed jallega ksur kontrattwali da parti tal-intimati m'hemmx spjegat fil-premessi tal-istess rikors b'liema mod u kif l-intimati kienu inadempjenti u lanqas liema patt formanti parti mill-ftehim mal-Bank rikorrent huma kisru;

3. Illi l-pretensjoni tal-Bank rikorrent hi wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u dana billi ghalkemm il-Bank qed jallega ksur kontrattwali da parti tal-intimat, dak li qed jallega ma jirrizultax miz-zewg kuntratti esebiti mill-Bank rikorrent stess mar-Rikors mahluf promotorju u cioe' Dok. 'A' u 'B';

4. Illi sta ghall-Bank li jipprova dak li hu qed jallega fit-tielet premessa [3] tar-Rikors Mahluf Promotorju u dana anke billi mill-ittra gudizzjarja datata 3 ta' Settembru 2010 ma

jirrizulta xejn minn dan izda jirrizulta biss li l-Bank qed jesercita d-diskrezzjoni tieghu imsemmija fiz-zewg atti pubblici mressqa minnu li jaghmel 'call in' meta jrid fil-konfront tal-intimati liema diskrezzjoni l-Bank rikorrent ma esercitax il-kawza fuqha izda biss ksur kontrattwali da parti tal-intimati;

5. Salv linji difensjonali ohra hekk kif permessi mill-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat li l-konvenuta Simone Micallef debitament notifikata baqghet kontumaci;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenut pprezentata fis-seduta tas-6 ta’ Frar 2012;

Rat il-verbal maghmul quddiem il-Qorti fl-istess seduta tas-6 ta’ Frar 2012 fejn il-konvenuta Simone Micallef ammettiet ukoll ghat-talbiet attrici kif ridotta;

Rat li s-socjeta’ attrici irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ tlieta u disghin elf, erba’ mija u wiehed u disghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€93,491.71), u dan permezz ta’ nota fl-atti ppresentata fis-seduta tas-6 ta’ Frar 2012;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tlieta u disghin elf, erba’ mija u wiehed u disghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€93,491.71), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha li jibdew jiddekorru mill-31 ta’ Jannar 2012 sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------